MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 2062/2004/1

**John u Helen konjugi Abdilla**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni kkawzati minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li hallew il-komunikazzjoni tad-drains fit-triq fi stat hazin b'mod li

f'diversi okkazjonijiet faret jew bl-ilma jew bid-drenagg ghal god-dar tal-atturi fejn gew ikkawzati diversi hsarat.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta li biha wiegbet illi l-atturi jehtieg li jindikaw bi precizjoni l-jum meta u l-lokalita` fejn faret il-komunikazzjoni tad-*drains* kif indikat fl-Avviz.  Illi l-istess Korporazzjoni konvenuta tirrizerva li taghmel twegiba ulterjuri meta jkollha l-informazzjoni indikata.  Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-Korporazzjoni konvenuta kienet hadet il-passi kollha necessarji sabiex twaqqaf malajr kemm jista` ikun kwalunkwe hrug ta` ilma u/jew drenagg minn xi pipe miksur u sabiex isewwi l-istess ksur.  Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-Korporazzjoni konvenuta m'hijiex responsabbli skond il-ligi ghal xi hsara li setghu garbu l-atturi.  Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Ra r-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta li biha wiegbet illi la kien hemm negligenza, la traskuragni u lanqas nuqqas ta` tharis tar-regolamenti, da parti tal-Korporazzjoni konvenuta u, fi kwalunkwe kaz, ir-responsabbilta tal-istess Korporazzjoni hija limitata skond l-Artikolu 21 tal-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (Kap. 355).

Sema` x-xhieda ta` Noel Galea, Vincent Vassallo, George Axisa u George Borg.

Ra l-affidavits tal-atturi u d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota ta` sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet.

Ikkonsidra

Illi l-ilment tal-atturi jirrigwarda danni li rrizultaw lilhom fid-dar tar-residenza taghhom, u cioe` fil-fond numru 34 Pjazza tal-Gubilew tad-Djamanti, Mqabba minhabba *backflow* ta` drenagg mis-sistema tad-drenagg ghal gewwa l-proprjeta` taghhom.

L-Artikolu 21 tal-Kap. 355 li jillimita r-responsabbilta tal-Korporazzjoni konvenuta u li huwa relevanti ghall-kawza odjerna, fil-paragrafu numru tnejn jiddisponi hekk:

"21. (2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 18 il-Korporazzjoni mhux responsabbli, fejn ma jkunx hemm negligenza u skond il-provvedimenti ta' dan l-Att, ghal xi inkonvenjent jew hsara attribwibbli ghall-qadi ta' xi dmir impost b'dan l-Att."

Imbaghad taht l-Artikolu 19 tal-istess Att hemm dispost certi obbligi tal-Korporazzjoni, fosthom illi

"(*a*) tipprovdi sistema ta' drenagg pubbliku ghall-uzu tar-rimi tad-drenagg domestiku;
(*b*) tiehu dawk il-mizuri li minn zmien ghall-iehor ikunu mehtiega biex thares l-indafa, s-sigurtà u efficjenza fis-sistema tad-drenagg pubbliku;"

Illi ghalhekk, applikat l-Artikolu 21 mal-Artikolu 19 tal-Kap. 355, f'din il-kawza l-atturi jehtiegilhom igibu prova illi apparti li hemm konnessjoni ta` kawzalita' bejn il-hsara minnhom sofferti u problema fis-sistema tad-drenagg, iridu jgibu prova wkoll illi l-problema li kien hemm fid-drenagg hija rizultanti minhabba xi traskuragni jew nuqqas da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jinghad illi n-negligenza ma tistax tigi prezunta izda ghandha tigi provata dejjem sal-principju ta` *res ipsa loquitur*.

F'dan ir-rigward it-Tribunal sema` x-xhieda tal-persuni prodotti fuq imsemmija u ra wkoll dettaljatament l-affidavit maghmul mill-atturi, liema atturi qatt ma gew kontro-ezaminati. It-Tribunal huwa konvint illi l-problema in kwistjoni ma kienitx ta` darba wahda tant illi f'dan ir-rigward l-atturi jinsabu anke korroborati minn George Borg. George Borg jahdem mal-Korporazzjoni konvenuta matul il-gimgha u kkonferma li kien hemm diversi kazijiet fejn l-atturi kienu jilmentaw dwar *blockage* fis-sistema. Ir-ritratti juru li l-problema ma kienitx gdida. Inoltre, meta dahhlu l-camera fis-sistema huma raw gurdien li

imbaghad sparixxa li ghal-Korporazzjoni fisser li kien hemm hsara fil-katusa u li l-gurdien hareg barra l-katusa. Huwa evidenti illi l-ilmenti tal-atturi ma gewx sodisfacentement indirizzati u tant illi meta kien hemm emergenza u dahal is-Sindku Noel Galea, li hadu l-ilment tal-atturi bis-serjeta' u anke dahlu *camera* fis-sistema biex b'hekk indunaw li kien hemm serratizz qed jimblokka l-katusa.

Kieku il-kaz kien wiehed izolat u li sar minghajr pre-avviz it-Tribunal kien dispost jikkonkludi li l-incident kien wiehed accidentali u li rrizulta minghajr ebda negligenza tal-Korporazzzjoni konvenuta, izda fil-kaz odjern jirrizulta car u sodisfacentement ipprovat illi kien hemm problema fis-sistema li minn zmien ghal zmien kienet qeda tikkawza *backflow* tad-drenagg god-dar tar-residenza tal-atturi u certament, kieku l-Korporazzjoni hadet l-ilment bis-serjeta' qabel ma sar l-incident tal-24 ta` April 2004, l-incident in kwistjoni ma kienx isehh.  Wiehed ma jridx jinsa li hija l-Korporazzjoni konvenuta li ex-lege ghandha d-dritt esklussiv li tirripara s-sistema tad-drenagg li tkun ghaddejja minn triq pubblika, bhal ma hu fil-kaz odjern, u li ghalhekk l-atturi kienu totalment dipendenti mill-Korporazzjoni li din ta` l-ahhar taghmel it-tiswijiet xierqa.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Korporazzjoni konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Fir-rigward tal-quantum tad-danni, fix-xhieda taghhom l-atturi taw spjegazzjoni dettaljata tad-danni minnhom pretizi izda ma esebew l-ebda dokumenti biex jikkoroboraw il-pretenzjonijiet taghhom.

It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li l-hsarat kienu estensivi, u dan billi jirrizulta provat illi d-drenagg tela` madwar metru jew ftit aktar minn metru mill-livell tal-art u li l-affarijiet kienu qeghdin jghumu fid-drenagg.  It-Tribunal jifhem ukoll illi l-appliances li jkunu fl-art bhalma huma l-fridge u l-cooker jigrilhom il-hsara meta jixxarbu partikolarment meta jixxarbu bid-drenagg u ma jippretendix li dawn facilment jibqghu jigu wzabbli ghall-ikel.

L-atturi fil-fatt isostnu illi l-hsarat telghu ghall-ammont ta` elf u disa` mitt lira Maltin (Lm1,900) u fil-fatt fil-kawza qeghdin jitolbu biss elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Mill-breakdown li jinsab indikat fl-affidavit hemm spjegazzjoni dettaljata tal-ammonti u l-Korporazzjoni konvenuta ma haditx l-opportunita’ biex taghmel kontro-ezami lill-atturi fuq dawn il-punti u ressqu l-kontestazzjoni biss fin-nota ta` osservazzjonijiet u cioe’ wara li nghalaq l-istadju tal-provi. (Fiz-zewg risposti ghall-avviz tat-talba l-Korporazzjoni konvenuta ma kontestatx il-*quantum*).

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub huwa gustifikat u huwa gust u ekwu li t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta` elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u l-ispejjez tal-kawza. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta` notifika tal-avviz.”

Il-Korporazzjoni konvenuta hassitha aggravata b’ din is-sentenza u minnha interponiet appell lil din il-Qorti bl-aggravji illi t-Tribunal ma kellux jaghti daqstant piz lix-xhieda ta’ l-atturi u li, f’ kull kaz, il-konkluzjoni minnu raggunta kienet zbaljata. Dan, skond il-Korporazzjoni appellanti, ghal motiv illi hi ma kienetx negligenti u dippju l-atturi kien messhom talbu u ottenew il-parir ta’ persuna teknikament kwalifikata li setghet tindikalhom x’ kellhom jaghmlu biex jevitaw il-*backflow*;

Gja gie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi l-valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-principju tal-konvinciment liberu, dejjem, pero`, prudenzjali, tal-gudikant adit mill-mertu. Dan necessarjament u logikament ifisser illi l-gudikant ghandu poter diskrezzjonali ampju li mir-rizultanzi probatorji huwa jqis

dawk il-provi li, ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-ezercizzju ta’ dan il-process huwa fakoltizzat li jaccetta x-xhieda ta’ whud u jwarrab jew jiskarta ohrajn u jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu fonti ta’ prova ad eskluzjoni ta’ ohra. Kif inhu ben konsolidat f’ gurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-gudikant ta’ l-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta’ revizjoni jekk tirrizulta logika u koerenti ma’ l-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit;

Fuq ir-ri-ezami taghha tal-provi processwali din il-Qorti tistqarr illi s-sentenza appellata toffri sintesi meqjus ta’ dawk l-elementi probatorji li fuqhom it-Tribunal ibbaza l-konvinciment tieghu u l-*iter* segwit minnu fil-valutazzjoni tal-provi biex wasal ghal konkluzjoni tieghu. Bhat-Tribunal qabilha, anke jekk, kif rilevat, mill-Korporazzjoni appellata, l-Affidavits ta’ l-atturi (fol. 13 u fol. 28) huma kwazi ghal kollox identici, din il-Qorti takkorda affidament u kredibilita` lill-versjoni ta’ l-atturi illi huma, fuq firxa ta’ bosta snin, ressqu ilmenti mal-Korporazzjoni konvenuta dwar il-problema tal-*backflow* fil-fond taghhom mis-sistema tad-drenagg. Sistema din li, kif dikjarat mix-xhud George Borg (fol. 55) tghaddi mill-bitha ta’ quddiem tal-fond ta’ l-atturi. F’ dan, il-Qorti ma tistrihx fuq l-awtorita` taghha imma ssib elementi ta’ korroborazzjoni tant fix-xhieda ta’ l-imsemmi George Borg (fol. 66) fejn stqarr li l-atturi cemplulu kemm-il darba biex iressqu *complaints*, kif ukoll fic-cirkustanzi generali tal-kaz. Il-fatt tat-trovata ta’ seratizz u ta’ gebel fil-medda tal-katusi u r-riparazzjonijiet mill-Korporazzjoni, konsegwenzjali ghal din l-iskoperta, huma evidenza sufficjenti illi l-ilment kien wiehed rikorrenti u ghal kollox gustifikat;

Dan stabbilit iwassal ghal konsiderazzjoni tat-tieni aggravju. Hu principju assodat illi biex xi hadd jigi ritenut responsabbli ghad-danni “*fa mestieri che chi reclami l’ indennizzo riesce a provare non solo l’ atto o la omissione colposa del denunciato, ma altresi che l’ atto o la*

*omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregudizio sofferto dall' istante.*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 687**). Fil-ligi taghna r-riferiment ghal din il-kawzalita` hi kontenuta fl-espressjoni "iwiegeb ghal hsara li tigi bi htija tieghu" li jippreciza l-Artikolu 1031, Kodici Civili;

Premess dan, ma jista' qatt ikun dubitat illi anke fil-kaz ta' l-amministrazzjoni pubblika, jew ta' dawk l-enti taghha regolati minn ligijiet specjali, kull attivita` trid tigi zvolta fil-limiti tal-ligi u, fuq kollox, fil-harsien tan-norma primarja *neminem laedere*. Tali principju hu estiz ghall-manutenzjoni ta' servizzi pubblici u ghall-vigilanza u kontroll taghhom. Hekk l-omissjoni da parte ta' l-enti pubblika kapaci tigi ndividwata fil-kaz fejn ic-cirkustanza specifika tesigi attivita determinata ghal harsien tad-drittijiet tat-terzi soggetti, recipjenti tas-servizz provdut minnha. Biex wiehed japporta dan ma' dak aktar 'il fuq accennat, ghal finijiet tal-verifika tar-rapport ta' kawzalita` wiehed jehtieglu, fuq ir-ricerka u apprezzament tal-fatti, jiddetermina obbligu posittiv ta' kondotta li l-inosservanza taghha gabet, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita`, l-event dannuz;

Jinsab provvdut fl-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma (Kapitolu 355) illi l-Korporazzjoni ghandha l-kompitu li, *inter alia*, "tiehu dawk il-mizuri li minn zmien ghal iehor ikunu mehtiega biex thares l-indafa, is-sigurta` u efficjenza fis-sistema tad-Drenagg" [Artikolu 19 (b)]. Minn dan jitnissel illi l-Korporazzjoni mharrka kellha tassikura, bid-dovuta diligenza, illi tmantni kif jixraq is-sistema tad-drenagg biex tigi skansata sitwazzjoni ta' dannu ghat-terzi. Mhux bizzejjed li tittanta tiskagona lilha nnifisha billi tissottometti, u anke tissuggerixxi, x' messhom ghamlu terzi. Bhala enti responsabbli dak l-obbligu kien inkombenti dejjem fuqha. Kif jinsab ritenut, "in-negligenza tikkostitwixxi koncett negattiv li tikkonsisti wkoll fl-omissjoni ta' dak il-grad ta' diligenza dettata mil-ligi jew mic-cirkustanzi". (**Kollez. Vol. XXXIII P IV p 690**);

Fil-kaz in konsiderazzjoni, imbaghad, il-kolpa fil-Korporazzjoni konvenuta ma gietx ravvizata mit-Tribunal fil-mera vjolazzjoni tal-precitata disposizzjoni tal-Kapitolu 355 imma, fuq kollox, it-Tribunal ikkundanna l-inerzja kolpuza fil-Korporazzjoni illi ma hadetx hsieb li tindirizza kif jixraq l-ilment ta' l-atturi fuq medda twila ta' zmien. Kellu jkun biss bl-intervent ta' Noel Galea, sindku tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba (ara xhieda ta' dan a fol. 33) illi ndenjat ruhha taghmel dak li messha ghamlet zmien qabel. Jigifieri, li tivverifika permezz ta' apparat bil-CCTV Scanner l-kawza ta' l-otturrament fis-sistema tad-drenagg u l-fatt tal-*backflow* tad-drenagg fil-fond ta' l-atturi. Il-principju ta' l-i*standard of diligence* kien hekk jirrikjedi minnha, u mhux sempliciment li hi tissodisfa ruhha bi spezzjoni vizwali fl-*inspection chamber*, meta allura l-livell tad-drenagg ikun lahaq stabilixxa ruhu ghal dak normali u ma jkunx hemm x' juri l-presenza tal-*blockage*;

Minn dan kollu dedott hija wkoll il-fehma ta' din il-Qorti illi d-determinazzjoni tal-kolpa fil-Korporazzjoni konvenuta, li d-disposizzjoni fl-Artikolu 1031, Kodici Civili tqieghed bhala presuppost tar-responsabilita`, hi ben evidenti u mhux il-kaz allura li din il-Qorti tilqa' r-rikjesta tal-Korporazzjoni ghar-revoka tas-sentenza. Il-Qorti tinnota li l-Korporazzjoni appellanti ma ressqet ebda ilment fuq il-kwantum tad-danni u allura s-somma kanonizzata ghandha tibqa' impregudikata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------